**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 7 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Nikolai Sant**

**Vs**

**Yemane Teklom Zerislase**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Yemane Teklom Zerislase ta' 25 sena, iben Teklom u Sagrja, imwieled l-Eritrea nhar l-ewwel ta' Jannar 1991 u residenti gewwa residenza mhux maghrufa Haz-Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0081732A;

Talli nhar il-25 ta' Marzu 2016 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00a.m) minn Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-icinanzi, f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommetta serq ta' 'handbag' li kien fih mobile phone tal-ghamla LS li jiswa Euro 300, oggetti ohra u dokumenti personali ghad-dannu ta' Carmen Silvia Rodrigez Gonzales u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-'**valur'** (aktar minn mitejn tnejn

u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) pero’ anqas minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37 Euro), u bil-‘**hin’**;

2) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Carmen Silvia Rodrigez Gonzales;

3) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f’post pubbliku jew f’post accessabbli ghal pubbliku kien jinstab fi stat ta’ sakra;

4) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Carmen Silvia Rodrigez Gonzales sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, fis-7 t’April 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 207, 261(c), (f), 267, 270, 279 (a), 338 (ff), 339 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, taht ordni ta' supervizjoni skond l-Art. 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tliet snin favur ix-xhud Carmen Silvia Rodrigez Gonzales skond l-Art. 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**